# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

Avviż Nru: 67/2021 LC

**JOSEPH SPITERI (K.I. 33976M) U MARTU**
**AMANDA SPITERI (K.I. 590377M) GĦAL**
**KULL INTERESS LI JISTA' JKOLLHA**

*vs*

**DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)**

**Illum, 29 ta' April, 2024**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta Joseph Spiteri et datat it-23 ta' Marzu 2021 fejn talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi n-Nota ta' Qbid bir-referenza numru 9/2021 u n-Nota ta' Qbid bir-referenza numru 10/2021 ġew maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Dwana) inġustament, b'użu ħażin tad-diskrezzjoni u s-setgħat amministrattivi mogħtija lilu mill-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta, u fi kwalunkwe każ irregolarment;

2. Tordna r-revoka u l-annullament tan-Nota ta' Qbid bir-riferenza numru 9/2021 u tan-Nota ta' Qbid bir-referenza numru 10/2021;

3. Tordna lill-intimat Direttur Ġenerali (Dwana) sabiex, fi żmien qasir stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, jeħles u jirrilaxxja f'idejn ir-rikorrenti l-prodotti kollha propjetà tal-istess rikorrenti u miżmuma fil-pussess tal-intimat Direttur Ġenerali (Dwana) skont in-Nota ta' Qbid bir-referenza numru 9/2021 u n-Nota ta' Qbid bir-referenza 10/2021.

B'riżerva ta' kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti u bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur Ġenerali (Dwana) illi huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tad-Direttur Ġenerali (Dwana) ppreżentata fit-28 ta' Mejju 2021, fejn sommarjament eċċepixxa illi:-

- Amanda Spiteri għandha tiddikjara x'interess ġuridiku għandha fl-azzjoni odjerna;

- L-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

- Ilil fir-rikogward tan-Nota ta' Qbid Numru 9/2021 jingħad illi s-sigaretti huma l-unika komodità dazzjabbli fejn kull pakkett huwa rintraċċabbli lura sal-mument li ġie kkreat. Illi bejn Lulju u Awwissu 2020 kienet seħħet serqa mill-maħżen ta' *Barriera Tax Warehouses Ltd* fejn fost l-oħrajn insterqu sigaretti importati mid-ditta *interbrands Limited*. Illi minħabba diffikultà fis-sistema ta' *track and trace*, is-sigaretti imporati u mqiegħda fil-warehouses baqgħu jidhru li huma *transloading*. Wara stock take li sar, l-istatus ta' dawn is-

sigaretti ġie korrett iżda l-istatus tas-sigaretti li ġew misruqa baqa' indikat bħala *transloading*. Ilil fl-20 ta' Awissu 2020, is-soċjetà interbrands irrapportat lill-pulizija illi wara li rappreżentant tagħha għamel eżerċizzju fuq vending machines, ġie misjub li wħud mis-sigaretti li kienu għadhom immarkati bħala transloading kienu jinsabu f'waħda mill-vending machines tagħha. Ilil r-rikorrenti huwa self-employed u huwa responsabbli li jimla dawn il-vending machines bi stokk mixtri mis-soċjetà Interbrands Limited. Illi wara operazzjoni konġunta bejn l-uffiċjali tad-Dwana u l-pulizija nstab li fil-vending machines li għalihom responsabbli r-rikorrenti kien hemm numru ta' pakketti tas-sigretti li kienu qed jimmarkaw bħala transloading u li kienu maħżuna fl-imsemmi maħżen. Illi b'kollox kien hemm 360 pakkett b'20 sigarett kull wieħed Marlboro Red u 398 pakkett b'20 sigarett Marlboro Gold. Illi b'hekk id-Direttur Ġenerali (Dwana) ikkonfiska dawn is-sigaretti u ħareġ in-Nota ta' Qbid Nru 9/2021.

- Illi minkejja li s-sigaretti diġà jkollhom it-tabelli tad-dażju mwaħħla, ma jfissirx li dan ikun tħallas. Filfatt id-dazju jsir dovut meta dawn ikunu offruti għall-konsum domestiku u għandu jitħallas mill-kustodju tal-maħżen sa mhux aktar tard mill-15-il jum tax-xahar ta' wara. Illi l-ġbir tad-dazju huwa azzjoni fuq l-oġġetti u mhux fuq il-persuna u b'hekk, l-intenzjoni tajba *o meno* tad-distributur m'għandha ebda relevanza. Illi fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti huwa venditur b'esperjenza u b'hekk seta jinduna illi s-sigaretti kellhom sorxs illeċitu.

- Illi fir-rigward tan-Nota ta' Qbid numru 10/2021 jingħad illi fl-erċizzju li sar u li wassal għan-nota ta' qbid suriferita, flimkien ma' dawk is-sigaretti, instabu wkoll sigaretti li kellhom t-

tabella l-antika tad-dazju li m'għadhiex fiċ-ċirkolazzjoni. Id-dazju, madanakollu, kien tħallas. Illi bl-avvent tad-Direttivva 2014/40/EU, l-Istati Membri kellhom obbligu li jsaħħu t-traċċabilità tas-sigaretti u l-importaturi u d-distributuri kellhom sal-20 ta' Mejju 2020 sabiex ibiegħu is-sigaretti bil-faxxa l-antika. Illi b'hekk id-Direttur Ġenerali (Dwana) kien fis-sewwa meta kkonfiska dawn is-sigaretti peress li kienu jiksru d-disposizzjoni tad-DIrettiva minkejja li r-rikorrenti ngħata biżżejjed żmien sabiex jottempora ruħu mal-liġi.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali;

Semgħat x-xhieda;

Semgħat it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Illi skond ma xehedu il-fizzjali tad-Dwana Malcolm Zammit[1] u Fabian Azzopardi[2] meta għamlu scans tas-sigaretti il kienu jinsabu fl-istore u fil-vann tar-rikorrenti, ma nstab xejn mhux regolari. Iżda meta ppoċedew biex jiskennjaw is-sigaretti fil-magni li għalihom ir-rikorrenti hu responsabbli, instab li kien hemm numru ta' sigaretti li kienu għadhom qed jimmarkaw bħala "transloading" jiġifieri jindikaw li qatt ma waslu għand l-importatur. Peress li s-sigaretti li ġew misruqa qatt ma waslu għand l-importatur Interbrands Limited, ma setax isirilhom scan bħala "arrival" u baqgħu immarkati bħala "transloading".

Malcolm Zammit, fl-affidavit tiegħu,[3] jispjega li hu amministratur tas-sistema "Track and Trace" tad-Dwana ta' Malta. Qal li minn meta t-

[1] Ara x-xhieda mogħtija fid-19 ta' Novembru 2021 a fol. 29 tal-atti proċesswail.
[2] Ara x-xhieda mogħtija fid-19 ta' Novembru 2021 a fol. 32 tal-atti proċesswail.
[3] A fol. 60 tal-atti proċesswali.

Tobacco Products Directive daħlet fis-seħħ fl-2019, kull pakkett tas-sigaretti jkollu numru identifikatur uniku u jrid jiġi skennjat mas-sistema Track and Trace, li hija sistema ċentrali għall-Istati Membri kollha. Din is-sistema taċċerta ruħha li l-prodotti fis-suq huma leġittimi. Tibda mill-produttur u ssegwi kull pass sakemm il-pakkett jispiċċa għall-bejgħ għall-konsumatur. F'kull stadju il-prodotti jiġu scanned u d-dazju jsir dovut il-mument li s-sigaretti joħorġu mill-warehouse sabiex imorru għand id-distributur. Hu jagħati dettalji tal-proċess kif jaħdem kif ukoll dwar l-ispezzjoni li għamlu għand ir-rikorrenti. Skont stħarriġ li għamlu rriżulta li s-sigaretti misjuba kienu dawk li nsterqu mill-*Barriera Tax Warehouse*. Illi Carmel Attard, Kap Spettur tad-Dwana ta' Malta ta spjega dettaljata wkoll tal-fatti tal-każ fl-affidavit tiegħu[4] iżda l-Qorti mhux se tirriproduċi x-xhieda tiegħu a skans ta ripetizzjoni tal-fatti diġà esposti hawn fuq. In kontro-eżami jispjega li kull manifattur għandu l-first repository tiegħu, li huwa linkjat mas-second repository. Is-second repository huwa ċentrali għall-Istati Membri u wżat għall-finijiet ta' infurzar. Meta l-importatur jbiegħ il-konsenja lid-distributur, l-importatur irid jimmarka bħala "Arrival" u d-distributur jaċċetta dik iċ-ċaqliqa. Id-distributur irid jixtri mingħand l-importatur awtorizzat biex ikun jaf li s-sigaretti inqelbu fuqu fis-sistema. Qal li jekk ikun hemm xi problema, l-iscanner tad-distributur se jimmarkalu b'xi kuluri li hemm problema u d-distributur ma jistax joħroġ ix-xogħol għall-bejgħ.

Illi r-rikorrenti, fl-affidavit tiegħu,[5] jgħid illi huwa ilu jagħmel ix-xogħol ta' distributur tas-sigaretti għal dawn l-aħħar 14-il sena. Illi fl-10 ta' Awwissu 2020 kien kellmu ċerta Alan Galea u qallu li kellu xi sigaretti għall-bejgħ. Dan Alan Galea kien ilu jafu u jafu bħala persuna bis-sew u qiegħed fix-xogħol ta' bejgħ ta' inbejjed, spirti u tabakk. Qatt ma taħ x'jifhem li kellu xi involviment f'attivitajiet illegali.

[4] A fol. 41 tal-atti proċesswali.
[5] A fol. 36 tal-atti proċesswali.

Filfatt, dawn is-sigaretti offrihomlu bil-prezz tas-suq li jinbiegħu s-sigaretti lid-distributuri. Meta ra s-sigaretti, ra li kellhom il-faxxa u li kienu jidhru normali bħas-sigaretti legali. Sussegwentement hu mela l-kaxxi tas-sigaretti bihom. Fis-26 ta' Awwissu 2020 rċieva telefonata mill-uffiċjali tad-Dwana li riedu jagħmlu spezzjoni fl-istore u fil-vann tiegħu u sussegwentement fil-magni li hu ssuplixxa. In kontro-eżami jgħid li ilu jagħmel dan ix-xogħol ta' distriubtur għal 16-il sena u li huwa rreġistrat bħala Economic Operator mad-Dwana. Qal li hu għandu *scanning device*. Hu qal li s-sigaretti li nqabdu huma tad-ditta importatriċi Interbrands Limited, li hija l-importratriċi esklussiva tad-ditta Marlboro. Il-magni li kien mela huma ta' din l-istess ditta. Jgħid li huwa wholesaler, jixtri s-sigaretti mingħandhom u jimla l-magni tagħhom. Qal li Alan Galea huwa delivery man u din kienet l-ewwel darba li xtara mingħandu. Qal li Galea avviċinah għax kellu żewġ kaxxi sigaretti u ried jara jkunx interessat jixtrihom. Qal li ma għamel ebda verifika fuq dawn is-sigaretti u ma saqsiehx minn fejn kien akkwisthom. MIstoqsi dwar għalfejn kien xtrahom mingħandu meta Interbands Limited huma l-importaturi esklussivi qal għax talbu jagħmillu pjaċir. Hu kien ra li l-konsenja ta' sigaretti kienet tajba għax kollhom il-faxxa mwaħħla magħhom u li skennjhom bħala "arrival" u "dispatched vending machine". L-iscanner li kellu ma juriħx l-istatus tas-sigaretti u ma setax ikun jaf li huma "transloading". Dwar is-sigaretti li kellhom il-faxxa l-antika qal li dan stokk li baqa' fil-magna għax ma kienux jimxu daqshekk. Mitlub biex jippreżenta l-fatturi ta' l-aħħar sentejn għax-xiri li għamel mis-soċjetà interbrands Limited u anke tax-xiri li għamel minn Alan Galea, huwa ppreżenta biss xi fatturi tal-aħħar xagħrejn għax qal li kien daħallu xi ilma fil-garage u għarraqlu ħafna files, karti u anke l-laptop.

Illi PC 2234 Lorraine Caruana preżentat tlett rapporti tal-Pulizija b'rabta mas-serqa tas-sigaretti mill-*Barriera Tax Warehouse*. Ġew preżentati wkoll xi xhieda mogħtija fil-proċeduri kriminali kontra l-persuni li allegatament wettqu din is-serqa. Jirriżulta li s-serqa saret

fuq jumejn fejn fl-ewwel jum insterqu 128 kaxxa sigaretti u t-tieni jum insterqu 76 kaxxa sigaretti mill-Barriera Tax Warehouse, kollha tas-soċjetà Interbrands Limited.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-produzzjoni, trasport u bejgħ tas-sigaretti huwa process li għandu audit trail rigoruż ħafna. Filfatt, kull ċaqliq jew pass li jsir fis-supply chain jiġi skennjat u rreġistrat fuq database ċentrali, skont id-disposizzjonijiet tad-"Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi tal-Istat Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE". Filfatt, huwa permezz ta' din is-sistema hekk rigoruża li s-sigaretti *de quo* nstabu li kienu irregolari. Filfatt, meta konsenja sigaretti tidħol f'Malta, hija tkun immarkata bħala "transloading" u huwa l-importatur li jiskenna l-konsenja u jagħmulha bħala "Arrival".

Fil-każ odjern, dawn is-sigaretti kienu qed jiġu maħżuna ġewwa l-*Barriera Tax Warehouse*. Dan huwa maħżen fejn is-soċjetà Interbrands Limited kienet qed tikri l-ispazju fih sabiex taħżen *excess stock* li jkollha u li ma joqgħodux fl-imħażen tagħha. Din il-Warehouse hija *tax warehouse* jew *public warehouse* li tfisser li l-oġġetti hemm maħżuna jkunu *under duty suspension* – jiġifieri ma jkunx għadu tħallas dazju fuqhom. Filfatt, id-dazju jitħallas sa ħmistax-il jum wara l-aħħar tax-xahar li fih ikun sar il-bejgħ tas-sigaretti. Ta min jgħid ukoll li l-pakketti tas-sigaretti jiġu diġa bil-faxxa mwaħħla magħhom peress li din titwaħħal mill-fabbrika li tipproduċihom. Bil-fatt li din il-faxxa tkun imwaħħla, madanakollu, ma jfissirx li d-dazju fuq il-pakketti tas-sigaretti jkun neċessarjament tħallas.

Illi hawn si tratta ta' ammont ta' sigaretti li ġew immarkati bħala "transloading" meta daħlu fil-*Barriera Tax Warehouse* iżda laħqu nsterqu qabel mal-importatur immarkhom bħala "Arrival" u huwa propju minn dan l-istatus li l-uffiċjali tad-Dwana rnexxielhom jgħarfu s-sigaretti li kienu fil-*vending machines* bħala formanti parti mir-*res furtiva* ta' din is-serqa li seħħet. Naturalment, peress li kienu fil-public warehouse, id-dazju fuqhom ma kienx għadu tħallas nonostante li kellhom il-faxxa tad-dazju mwaħħla fuqhom.

F'dan il-każ jirriżulta li r-rikorrenti, li jaħdem bħala distributur tas-sigaretti, xtara kaxxa sigaretti tal-istess marka li timporta s-soċjetà Interbrands Limited minn ċerta Alan Galea. Filfatt qal li din kienet l-ewwel transazzjoni li għamel miegħu u li xtraha mingħandu biex jagħmillu pjaċir. Jgħid li bħala prezz xtraha bil-prezz tas-suq u ma kien hemm xejn li għoroklu għajnejh dwar din il-kaxxa sigaretti.

Illi jirriżulta, però, li għalkemm hemm sistema ta' scanners, ir-rikorrenti qal li *qua* distributur għandu scanner li ma juriħx l-istatus tas-sigaretti. Filfatt, hu jgħid li ma kienx hemm mod kif ikun jaf li dawn is-sigaretti kienu għadhom immarkati bħala "transloading".

Illi jirriżulta lill-Qorti li r-rikorrenti, li ilu bejn 14 jew 16-il sena jixtri s-sigaretti mis-soċjetà Interbrands Limited, ħa riskju kbir meta xtara l-kaxxa sigaretti minn Alan Galea, persuna li ma kellha ebda relazzjoni mas-soċjetà importatriċi. Tant hu hekk li fl-ebda mument ma sar l-eżerċizzju tal-iscanning biex is-sigaretti jinqelbu minn fuq Alan Galea għal fuq ir-rikorrenti. Di più, għalkemm ir-rikorrenti jgħid li hu xtara l-kaxxa tas-sigaretti bil-prezz tas-suq, ma ressaq ebda prova ta' dan u m'hemm xejn x'jeskludi li r-rikorrenti akkwista din il-kaxxa bi prezz aktar favorevoli li ħajjru jakkwista l-kaxxa mingħand fornitur terz u mhux mingħand is-soċjetà importatriċi.

B'hekk, il-Qorti tqis li għalkemm ma tressqitx prova li turi li r-rikorrenti kien konsapevoli li s-sigaretti kienu parti mir-res furtiva

misruqa, ġie pprovat min-naħa l-oħra li r-rikorrenti naqas milli jagħmel il-verifiċi neċessarji tiegħu u ħa fuqu riskju bl-akkwist tal-kaxxa tas-sigaretti.

Illi każ simili ħafna għal dak odjern huwa dak ta' **Guido Vella vs Kontrullur tad-Dwana**[6] fejn hemmhekk ir-rikorrenti wkoll eċċepixxa li ma kienx jaf li x-xorb alkoħoliku kien illeċitu. F'dak il-każ, il-Qorti rriteniet illi

> *"kif sewwa eċċepixxa l-intimat, din il-proċedura tal-konfiska hija waħda in rem u l-buon fede u innoċenza tal-proprjetarju ta' l-oġġett konfiskat ma jaffetwawx il-validita' tal-konfiska jekk l-oġġetti konfiskati jkunu il-corpus delicti fis-sens li jkunu ddaħħlu kontra l-Ordinanza tad-Dwana."*

Illi filfatt, kif anke ġie ritenut fis-sentenza **Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana**[7]

> *"Barra minn hekk, il-proceduri ta' konfiska huma proceduri in rem: ladarba wera li l-merkanzija dahlet f'Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana, l-intimat kellu s-setgha li jikkonfiskaha.*"

Illi b'hekk, jekk jiġi pprovat li l-oġġetti konfiskati huma kontra l-liġi, ix-xjenza *o meno* tar-rikorrenti hija materja irrelevanti u dan għaliex il-focus legali huwa fuq is-sigaretti infushom u jekk tħallsitx l-ammonti dovuti fuqhom.

Illi jirriżulta lill-Qorti illi ls-sigaretti maqbuda permezz tan-Nota ta Qbid Nru 9/2021 kienu ġew imqiegħda fid-depożt tal-*Barriera Tax*

[6] **Guido Vella vs Kontrollur tad-Dwana**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 31 ta' Ottubru 2008 (Rik Nru 299/2002/1)
[7] **Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana**, Qorti tal-Appell, 27 ta' Frar 2003 (Appell Nru. 1330/1998/1)

*Warehouse* u nħarġu minn hemm bil-moħbi u kontra l-liġi mingħajr ma tħallas id-dazju fuqhom bi ksur lampanti tal-Artikolu 60(1)(e) tal-Att dwar id-Dwana (Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta) meta serqet is-serqa sopra msemmija. Illi min-naħa tiegħu r-rikorrenti ma ressaq ebda prova li tinnega dan l-istat ta' fatt jew li s-sigaretti misjuba għandu ġejjin minn xi sors ieħor u b'hekk kien ġustifikat id-Direttur Ġenerali tad-Dwana li jaqbad is-sigaretti *de quo* kif inklużi fin-Nota ta' Qbid Nru 9/2021.

Ikkunsidra

Illi n-Nota ta' Qbid numru 10/2021 hija kemmxejn differenti minn dak appena espost. Jirriżulta li waqt l-ispezzjoni, li saret fl-10 u l-11 ta' Awwissu 2021 nstabu numru ta' pakketti tas-sigaretti li kellhom il-faxxa l-qadima u dan bi ksur tar-Regolament 7 tat-Taqsima Ċ fis-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirriżulta illi d-Direttiva msemmija ġiet trasposta fil-liġi nostrana u tat perjodu ta' sena, sal-20 ta' Mejju 2020, sabiex l-importaturi u d-distributuri jiddisponu mis-sigaretti li kellhom il-faxxa l-antika sabiex minn dakinhar 'l quddiem jibda jkollhom il-faxxa l-ġdida, fost affarijiet oħra, kif mitlub mid-Direttiva msemmija.

Illi s-sigaretti bil-faxxa l-qadima nstabu fil-vending machines aktar minn tlett xhur wara l-għeluq tal-perjodu konċess msemmi. Illi r-rikorrenti jgħid li dan seħħ peress li dawk is-sigaretti ma tantx jimxu. Illi r-rikorrenti, madanakollu, ma ressaq ebda prova ta' din l-allegazzjoni. Anzi mill-istess Nota ta' Qbid jirriżulta li d-ditti tas-sigaretti kolpiti huma ditti renomati fis-suq lokali. Illi t-terminu konċess sabiex is-sigaretti bil-faxxa l-antika jitneħħew miċ-ċirkolazzjoni huwa terminu perentorju u l-fatt li skadiet din id-data u r-rikorrenti ħalla tali pakketti tas-sigaretti fiċ-ċirkolazzjoni huwa raġuni ġustifikata sabiex id-Direttur Ġenerali tad-Dwana joħroġ in-Nota ta' Qbid Nru 10/2021.

Illi b'hekk anke hawn, id-Direttur Ġenerali tad-Dwana kien ġustifikat li jaqbad is-sigaretti *de quo* kif inklużi fin-Nota ta' Qbid Nru 10/2021.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti u konsegwentement qed tikkonferma n-Nota ta' Qbid numru 9/2021 u n-Nota ta' Qbid numru 10/2021 maħruġa mid-Direttur Ġenerali tad-Dwana, bl-ispejjeż tal-preżenti jkunu a karigu tar-rikorrenti.

Ft.Dr. Leonard Caruana
**Maġistrat**

Sharonne Borg
**Deputat Reġistratur**